# Il-Qaddejja t'Alla
# Madre Maria Teresa Nuzzo

kitba ta' Sr. Petronilla Camilleri

Aħna s-Sorijiet **Ulied il-Qalb ta' Ġesù** qed niċċelebraw għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tagħna. Dan il-ġublew hu barka għalina mis-sema u hu memorja kbira li ma ninsew qatt għax proprju f'din is-sena l-maħbuba fundatriċi tagħna M. Maria Teresa Nuzzo ġiet mgħollija bħala qaddejja ta' Alla. Hu mument ta' grazzji kbar għalina.



## Min kienet M. M. Teresa Nuzzo?

Il-fundatriċi tagħna Madre Maria Nuzzo twieldet il-Belt Valletta fil-11 ta' Mejju, 1851. Nistgħu ngħidu li l-vokazzjoni ta' Maria Teresa għall-ħajja reliġjuża taf il-bidu tagħha mill-eżempji sbieħ tal-ġenituri tagħha, li kienu jpoġġu lil Alla l-ewwel fil-ħajja tal-familja tagħhom.

Iz-zija ta' Maria Teresa kienet tmexxi skola l-Belt. Sa minn età żgħira Teresa bdiet turi interess kbir fit-tagħlim tat-tfal. F'dak iż-żmien, l-iskola kienet magħrufa għat-tagħlim tal-pjanu, il-ħjata u r-rakmu. Wara li zijitha bdiet tonqosha saħħitha u aktar 'il quddiem bdiet titlef id-dawl ta' għajnejha, ħalliet dan ix-xogħol f'idejn Teresa. Għalhekk, fl-1886, Maria Teresa saret id-direttriċi ta' din l-iskola.

Ġara li kuġinuha s-Sur Enrico Nuzzo kellu dar fil-Ħamrun u xtaq li fiha jsir it-tagħlim tal-Katekiżmu. Fis-sena 1901, hi xtaqet post fejn tista' tingħaqad flimkien ma' xbejbiet oħra. Għalhekk Maria aċċettat dan il-post fil-Ħamrun. Fl-istess ħin fl-1902, meta kellha 51 sena, ġiet mitluba mill-Arċisqof Mons. Pietru Pace biex tibda tgħallem l-iskola u d-duttrina f'din id-dar il-Ħamrun, ħdejn il-knisja tal-Madonna tas-Samra.

Madre M. Teresa riedet issejjaħ lilha nnifisha ta' Ġesù Msallab. Hi ssallbet

tassew ma' Kristu għax bħalu, ma kellha xejn tagħha. Fuq l-eżempju tagħha aħna, inħallu lilna nfusna nkunu mmexxija mill-kliem ta' Kristu. *M'hemmx imħabba ikbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.* (Ġw. 15:13)

Hi sofriet kollox b'virtù erojka u b'fidi qawwija fil-providenza Divina. Il-ħajja tagħha hija mudell l-iżjed sabiħ għal kulħadd imma l-iżjed għalina r-reliġjużi wliedha.

Madre Maria Teresa Nuzzo ttajret lejn Alla fis-17 ta' April 1923, fl-età ta' 72 sena.

## Bidu tal-Kongregazzjoni

Il-ħolma ta' Maria Teresa li tgħin lil ħaddieħor saret realtà meta waqqfet din il-Kongregazzjoni. U proprju **fil-21 ta' Novembru, 1903**, hi flimkien ma' tmien tfajliet oħra bdew il-ħidma tagħhom mat-tfal l-aktar foqra u li jwasslu l-imħabba ta' Alla lill-oħrajn.

Fil-bidu ltaqgħu ma' ħafna problemi, imma Teresa u sħabha ferħu bid-digriet importanti tal-5 ta' Ġunju 1903. B'dan id-digriet kellhom riġlejhom fis-sod. U hekk tkompliet tikber il-Kongregazzjoni tagħha.

Min jaf kemm għaddiet u mxiet ma' dawn l-inħawi u kemm għamlet ġid mat-tfal u mal-kbar u għenet lill-fqar ta' dak iż-żmien? Kienet bniedma umli u kuraġġjuża. Kienet bniedma ta' talb u l-meditazzjoni kienet tagħtiha importanza kbira.

Hi u l-komunità ta' dak iż-żmien għamlu ġid kbir fil-Ħamrun. Kienu sorijiet ta' eżempju. Ħafna tfal u tfajliet kienu jiffrekwentawhom u minn barra t-tagħlim tal-Katekiżmu, kienu jgħallmu tagħlim akkademiku u drama.

## L-Impenn tas-Sorijiet

Illum f'din il-parroċċa ta' San Gejtanu, is-sorijiet għadna nimxu fuq l-eżempju ta' Madre Maria Teresa Nuzzo. Nippreparaw lit-tfal għas-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma ta' l-Isqof kif ukoll nagħtu tagħlim għall-kbar. Għandna t-tagħlim fl-iskejjel. Nieħdu sehem fil- Liturġija, inżuru lil morda fid-djar u nagħtuhom s-Sagrament tat-Tqarbin. Ħafna nies jiġu għandna biex ngħinuhom u biex nitolbu għalihom, ħalli l-Mulej Ġesù jagħtihom dak kollu li għandhom bżonn kemm fir-ruħ kif ukoll fil-ġisem.

Il-ħidma tagħna ma baqgħetx biss fil-Ħamrun imma illum l-Kongregazzjoni tagħna għandha disat idjar f'Malta, wieħed u għoxrin fl-Indja, dar fil-Libya, dar Ruma, tmint idjar fil-Kenja, dar f'Tuneż, u oħra fl-Irlanda u jekk Alla jrid se nifthu oħra fil-Korea.

Proprju għaddew mitt sena minn din il-ġrajja importanti għalina. L-

appostolat tagħna huwa divers u lesti li nagħtu għajnuna lil kulħadd. Il-kariżma tagħna hi **imħabba** u **sempliċità** Evanġelika, li tidher fid-diversità ta' xogħol li aħna nwasslu għall-imħabba ta' Alla kemm liż-żgħar u kemm lill-kbar.

## Sena ta' Ġrajjiet Speċjali

Kien proprju 21 ta' Novembru, 2002 meta ftaħna s-sena ta' l-attivitajiet. Kellna diversi kummissjonijiet li ħadmu bis-sħiħ għal dan l-għan.

Bdejna b'quddiesa kantata u konċelebrata fil-parroċċa San Gejtanu l-Ħamrun. Il-prim ċelebrant kien il-Kappillan Dun Pawl Fenech. Fl-omelija faħħar ħafna lil din il-mara qalbenija Madre Maria Teresa Nuzzo u kompla jgħid li l-ħidma li qed issir illum hu frott tal-maħbuba fundatriċi tagħna. Kien hemm ħafna nies li attendew għal din il-quddiesa u nemmen li sar ħafna ġid spiritwali.

Fil-11 ta' Frar 2003 il-Provinċjali M. Cleophe Camilleri flimkien ma' żewġ sorijiet oħra kellhom stedina minn Fr. Tonio Mifsud OFM Conv. Biex marru fuq ir-Radju Maria u hemm tkellmu fuq il-fundatriċi u ċ-Ċentinarju. Kienet esperjenza sabiħa fejn semmejna leħinna u tkellimna fuq M. Teresa Nuzzo.

Wieħed mill-kunventi tagħna tar-Rabat iċċelebraw il-50 sena mill-ftuħ ta' din id-dar. Il-quddiesa ta' ringrazzjament saret fil-Kolleġġjata ta' San Pawl ir-Rabat, diversi saċerdoti u benefatturi attendew bi ħġarhom għall-Ewkaristija. Qabel l-omelija xi tfajliet li jattendu għad-duttrina għamlu mima fuq il-fundatriċi. Waqt l-omelija l-Arċipriet, il-Kan. Dun Ġużepp M. Farrugia kellu kelma ta' tifħir u ringrazzjament tal-ħidma li ssir mill-komunità tar-Rabat.

Kellna wkoll diversi esebizzjonijiet fuq il-fundatriċi u l-ħidma tal-Kongregazzjoni. S'issa daret dawn il-parroċċi, tal-Marsa, tal-Ħamrun ta' l-Imġarr, San Pawl il-Baħar, Ħal Tarxien, Santa Luċija u l-Gudja.

Fit-3 ta' Mejju 2003 kien it-tmenin anniversarju mill-mewt tal-maħbuba fundatriċi tagħna. Għalhekk saret quddiesa fil-parroċċa tal-Gudja. Iċ-ċelebrant kien il-Kappillan tal-post Fr. Evan Caruana.

Lejlet il-*birthday* tal-fundatriċi 10 ta' Mejju saret quddiesa fil-knisja tal-Madonna tas-Samra fejn qaddes il-Mons. Ġużeppi Pace. Wara aħna s-sorijiet iltqajna fil-kunvent tal-Ħamrun fejn kellna nofs ta' nhar rikreattiv flimkien.

Il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2003 kellna *quiz* finali fis-Sala Teresa Nuzzo, il-Marsa. It-tfal li jattendu d-duttrina ta' kull kunvent li għandha kienu ppreparati tajjeb bħal din il-*quiz* dejjem fuq il-ħajja tal-fundatriċi maħbuba tagħna.

Il-Ħadd 28 ta' Mejju ġiet iċċelebrata quddiesa fuq it-*Television PBS* ad unur tal-fundatriċi. Prosit u grazzi lill-organizzaturi kollha li ħadmu bis-sħiħ għall-glorja ta' Alla.

Fl-okkażjoni tal-*Prize Day* fl-iskola tagħna *Teresa Nuzzo School* tellgħet il-*play God Make a Way*. Il-*musical* kien messaġġ qawwi ħafna fejn it-tama tagħna trid tkun biss f'Alla li hu l-qawwa tagħna u hu kollox għalina. Wara tliet xhur ta' provi, l-istudenti kollha tal-ħames grad flimkien ma' l-għalliema limexxewhom taw spettaklu eċċellenti, li fiha wasslu dan il-messaġġ ta' tama bil-kant, biż-żfin u bir-reċti tagħhom fuq il-ħajja tal-fundatriċi. Prosit kbira lil kulħadd.

Fl-aħħar u xejn inqas għalina s-sorijiet saru *seminars* fejn komplejna nipprofondixxu din il-ħajja spiritwali li tatna din il-maħbuba fundatriċi tagħna Madre Maria Teresa Nuzzo.

Fit-23 ta' Mejju 2003 kellna quddiesa fil-parroċċa San Gejtanu l-Ħamrun. Qaddes l-Arċisqof G. Mercieca fejn ikkonċelebra ma' għadd kbir ta' saċerdoti. Illum beda **l-proċess tal-Beatifikazzjoni tal-fundatriċi, fejn quddiem l-imħallfin inqara l-Editt**.

Nixtieq minn qalbi f'isem il-Kongregazzjoni ta' **Ulied il-Qalb ta' Ġesù** nirringrazzja lil Alla tal-grazzji kbar li xeħet fuqna u fuq ħafna nies permezz ta' din l-omm spiritwali tagħna M. Maria Teresa Nuzzo.

LYNX
BOUTIQUE
ladies' wear
accessories
costume jewellery
*Prop. Godfrey Bezzina*
**712, High Street, Ħamrun.**
**Tel: 2123 8568**